MINUS ONE
Il-Grupp Malti li joffri Sapport lir-Romol
https://minusone.eu
info@minusone.eu

Volum 26
Ħarġa 09
Settembru
2023

# Attivitajiet-Settembru2023

**L-1 ta' Settembru 2023**-Il-grupp mhux ser jiltaqgħa.

**It-8 ta' Settembu 2023**-Il-Grupp mhux ser jiltaqa' minħabba li se nkunu msifrin.

**Il-15 ta' Settembru 2023**-Pietà football club-Wine and Pizza partry. Prezz 15€. Booking-Maureen Tarpey by revolut on 79895387.Se jkollna Dj u Karaoke

Menu-Pizza-Pasta-Burgers. Tazza Luminata-Inbid jew ilma.

**It-22 ta' Settembru 2023**-Sea Horse Luzzu day-Prezz 15€ (l-ewwel 20 persuna biss) Prezz 15€. Booking-Maureen Tarpey by revolut on 79895387

**Id-29 ta' Settembru 2023**– End of Summer Birthday Celebrations at Montkristo

Prezz 20€ -Boking Therese Francalanza by revolut on 99830025. Se jkollna Dj.

Free drinks (beer, wine and spirits not included)

**Minħabba nuqqas ta' spazju, il-menu se jkun fuq Fb.**

Aktar tard ħareġ li l-Ġermaniżi kienu jafu li l-kodiċi tagħhom kien inkiser, u għalhekk il-Ġermaniżi setgħu kkontemplaw li jibagħtu dan il-messaġġ sabiex jiffrejmjaw lil Mata Hari, li setgħet verament kienet qed taħdem għall-Franċiżi. Fuq evidenza mhux ta' min jorbot fuqha, hija nstabet ħatja ta' spjunaġġ. Tletin sena wara l-proċess, wieħed mill-prosekuturi ammetta li ma kienx hemm biżżejjed evidenza biex "jittella' qattus mejjet". Wara l-qorti, hija ġiet maqtula minn-skwadra ta' fuċilazzjoni ta' tna-il suldat, fil-15 ta' Ottubru 1917. L-eżekuzzjoni tagħha kienet is-sors ta' ħafna spekulazzjoni. Għall- eżekuzzjoni tagħha marret liebsa sew. Ma ħallithomx jgħammdulha għajnejha u aċċettat il-mewt tagħha b' kuraġġ kbir. Henry Wales, ġurnalist Ingliż li rraporta l-eżekuzzjoni tagħha qal li meta l-gwardjani ġew biex jeħduha fil-post tal-eżekuzzjoni, Mata Hari sempliċement wieġbet '*Jiena lesta*' . Henry Wales kiteb ukoll "*Din il-mara qatt ma tilfet ir-rieda tal-ħadid.* "Wara li ngħatat l-ordni biex jisparawlha u s-suldati sparaw, hija waqgħet għarkupptejha. Uffiċjal imbagħad sparalha f'rasha b'pistola biex jiżgura li kienet mejta. Wara mewtha, ħajjitha kienet is-suġġett ta' ħafna rakkonti differenti li kellhom it-tendenza li jispekulaw fuq ħajjitha

*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*

**Ħabib, għandi nafdak, jew le?** Għidu l-verità. Kemm-il darba għidna li lil dak jew lill-ieħor nafdawh jew le.  Sabiex issir taf persuna sew tieħu ż-żmien. Tista' titgħallem ħafna dwar nies oħra billi tqatta' l-ħin magħhom u billi tagħti kas b'attenzjoni għal dak li jagħmlu jew li jgħidu speċjalment jekk int ma tkunx preżenti.

Naf li mhux faċli ssir taf b'dawn l-affarijiet. Trid tara min iwassallek huwiex persuna affidabbli jew hemmx xi aġenda moħbija. Jekk tisma' b'widnejk jew tara b'għajnejk allura tweġġa' b'dak li tisma' speċjalment jekk dak li tisma' u tara jkun frott li ġejt iġġudikat jew ta' preġudizzju kontrik. Jekk int taħseb u tħossok li int persuna affidabbli, ikun aktar faċli għalik li tagħraf persuna oħra hix bħalek jew differenti minnek. Trid toqgħod attent minn xi lupu liebes libsa ta' ħaruf. Mhux faċli, naf! L-ewwel impressjoni fuq dak li jkun mhix indikatur preċiż dwar l-affidabbiltà tal-persuna.

Min jaf kemm-il darba meta rajna lil xi ħadd l-ewwel darba kemm għidna 'Ajma ħej, kemm jidher kiesaħ'. Vera? Fuq ix-xogħol jiena għaddejt minnha bosta drabi din is-sitwazzjoni. Barraminnhekk, l-affidabbiltà ta' persuna ma tistax tkun ibbażata fuq l-emozzjonijiet jew il-perċezzjonijiet tiegħek. Fortunatament, hemm karatteristiċi tal-karattru li tista' tosserva u tanalizza fin-nies biex jgħinuk tiddetermina jekk humiex denji tal-fiduċja tiegħek jew le.

Nies li tista' tafda' jagħmlu d-dinja post aħjar fejn tgħix. Biex tgħix b'mod aktar ferħan u b'aktar suċċess, għandek bżonn nies affidabbli f'ħajtek, persuni li tista' tafda. Naturalment, anke inti trid taġixxi ta' persuna affidabbli. Il-bini u ż-żamma ta' relazzjonijiet affidabbli għandhom ikunu sforz reċiproku u kontinwu.  Huwa stil ta' ħajja li tagħżel li tħaddan. Skond l-esperti, sabiex tidentifika persuna affidabbli għandek toqgħod attent għal dawn is-seba' karatteristiċi ewlenin:

*Ikompli f'paġna 2*

**1-In-nies affidabbli iġibu rispett lil ta' madwarhom.** Nies affidabbli jirrispettaw lilhom infushom u lil ħaddieħor ukoll. Huma jemmnu li r-rispett għandu jingħata lil kull bniedem. Ħadd m'għandu d-dritt li biex jingħoġob jasal biex iwettaq intimidazzjoni jew jumilja lil ħaddieħor. Nies affidabbli għandhom manjieri tajbin u valuri b'saħħithom. *"Ir-rispett iwassal għall-fiduċja."* **2-In-nies affidabbli huma onesti.** Nies affidabbli juru lilhom infushom kif inhuma (kif tarani pinġini) - trasparenti minn ġewwa u minn barra. Huma jirrikonoxxu wkoll is-saħħiet u d-dgħufijiet tagħhom. Ma jippretendux li jkunu jafu kollox. Nies affidabbli juru xi jfissru u jfissru dak li jgħidu. *"L-onestà timxi flimkien mal-fiduċja."*

**3-Nies affidabbli huma konsistenti.** Nies affidabbli jżommu konsistenza f'dak li jgħidu u f'dak li jagħmlu. Iġibu ruħhom l-istess ikunu fejn ikunu. Qatt ma juru wiċċ b'ieħor. *"Il-konsistenza ssaħħaħ il-fiduċja."*

**4-Nies affidabbli qed jieħdu ħsieb.** Nies affidabbli juru interess ġenwin f'oħrajn. Huma jafu l-importanza li jżommu r-relazzjonijiet tagħhom. Jirrifjutaw li jipparteċipaw fl-għajdut u kwalunkwe diskors negattiv dwar oħrajn. Nies affidabbli huma ta' għajnuna u japprezzaw il-ħin u l-isforzi tan-nies. *"Li tieħu ħsieb ħaddieħor jibni l-fiduċja."*

**5-Nies affidabbli huma grati.** Nies affidabbli japprezzaw il-fiduċja li nies oħra għandhom fihom. Huma jappoġġjaw u jinkoraġġixxu lill-membri tal-familja, ħbieb u kollegi tagħhom. Ma jiħdux nies jew affarijiet *for granted*. Nies affidabbli jesprimu gratitudni lejn l-oħrajn. *"Il-gratitudni hija espressjoni ta' fiduċja."*

**6-Nies affidabbli huma pożittivi.** Nies affidabbli huma influwenza tajba fil-ħajja ta' ħaddieħor. Jitkellmu b'mod pożittiv u jispiraw lil ħaddieħor biex joħlom u jwettaq aktar mingħajr ma jistennew xejn lura. Nies affidabbli joħorġu l-aħjar f'ħaddieħor u jgħożżu ħajjithom. *"Azzjonijiet pożittivi jħawlu żerriegħa ta' fiduċja."*

**7-In-nies affidabbli huma altruwisti.** Nies affidabbli jagħmlu lil ħaddieħor iħossu aħjar dwarhom infushom. Huma jgħinuhom iwettqu l-potenzjal tagħhom billi joħorġu l-aħjar fihom. Ma jiffukawx fuq il-limitazzjonijiet tan-nies. *"L-altruwiżmu huwa att ta' fiduċja."*

Nagħlaq dan l-artiklu qasir billi nistaqsik mistoqsija. Liema karatteristika minn dawn is-7 tispikka l-aktar fik u għaliex? Forsi xi darba nagħmlu taħdita fil-grupp fuq dan is-

**Mata Hari** kienet żeffiena eżotika mill-Olanda li kisbet fama kbira ġewwa Franza. Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija, hija ġiet arrestata fuq akkużi ta' spjunaġġ. Hija ġiet iffuċilata minn skwadra Franċiża. Mata Hari twieldet fis-7 ta' Awwissu 1876 f'Leeuwarden, l-Olanda. Isimha propju kien Margaretha Geerruida Zelle. Sakemm kellha 13-il sena, hija għexet stil ta' ħajja komdu, u attendiet l-awqa skejjel privati mħallsa minn missierha. Missierha kien jagħti ħafna attenzjoni fuq il-'prinċipessa ċkejkna' tiegħu. Hi kellha l-attenzjoni ta' bosta rġiel. Madankollu, fl-1889, missierha finanzjarjament falla, u l-ġenituri tagħha ma damux ma ddivorzjaw. Hija ppruvat tistudja biex tkun għalliema tal-kindergarten, iżda l-parrinu tagħha neħħieha wara li s-Surmast sar marbut wisq ma' Margaretha.

Meta kellha 18-il sena, hija wieġbet għal reklam f'gazzetta minn uffiċjal Olandiż li kien jgħix f'Java, l-West Indies. F'dawk il-jiem kienet xi ħaġa komuni għall-Olandiżi li jgħixu f'dawn il-kolonji li jitlobu għan-nisa billi jagħmlu reklami fil-gazzetti. Margaretha marret tgħix Java fejn il-koppja kellhom żewġt itfal. Madankollu, iż-żwieġ ma kienx wieħed hieni, fejn żewġha Rudolph Macleod kellu l-problema tal-alkahol. Ħafna drabi kien ikun vjolenti ma' martu, u jwaħħal fiha għal ħafna min-nuqqasijiet tiegħu stess. Margaretha kellha wkoll diffikultà fir-rwol tagħha bħala mara tad-dar. Hija ammettiet "*Ma kontx nikkuntenta d-dar ... Ridt ngħix bħal farfett ikkulurit fix-xemx.* " Matul iż-żmien tagħha fl-Indies tal-Lvant Olandiż, Margaretha ħadet l-opportunità biex titgħallem iż-żfin indiġenu u d-drawwiet lokali. Aktar tard, hija kellha wkoll relazzjoni ma' uffiċjal Olandiż ieħor, qabel ma ġiet konvinta biex tirritorna lejn żewġha. Madankollu, dawn iddivorzjaw fl-1902 ftit wara l-mewt traġika ta' binhom iż-żgħir.

**Mata Hari fl-Ewwel Gwerra Dinjija.** L-Ewwel Gwerra Dinjija poġġietha f'pożizzjoni unika u diffiċli. Inizjalment, hija sabet ruħha fil-Ġermanja mingħajr għajnuna finanzjarja. Iżda, bir-riżorsa tas-soltu tagħha, hija kienet kapaċi tikseb finanzi suffiċjenti biex terġa' tibda tivvjaġġa. Bin-nazzjonalità Olandiża tagħha, (l-Olanda baqgħet newtrali fil-gwerra) kienet kapaċi taqsam konfini nazzjonali differenti. Dan ħadha bejn il-Ġermanja u Franza via l-Gran Brittanja jew Spanja biex tevita il-front. Peress li kienet taf kemm lill-Ġermaniżi kif ukoll lill-Franċiżi ta' grad għoli, dan inevitabbilment poġġieha taħt suspett bħala xi ħadd li fit-teorija jista' jittrasferixxi informazzjoni dwar l-isforz tal-gwerra tan-naħa l-oħra. Darba minnhom, hija ammettiet mal-Ingliżi li kienet qed taħdem bħala spija għall-Franċiżi. Madankollu, il-Franċiżi qatt ma kkonfermaw jew ċaħdu dan. F'Jannar tal-1917, il-Franċiżi interċettaw messaġġ ikkodifikat mill-Ġermaniżi u qalu li kienu kisbu informazzjoni utli ħafna minn kodiċi spija Ġermaniż jismu H-21. Minn din l-informazzjoni, is-suspett waqa' fuq Mata Hari. Din ġiet arrestata.

*Ikompli fl'aħħar paġna*